


# ĦU L-INIZJATTIVA

## L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

### L-għodda tiegħek biex tifforma l-politika Ewropea

L-UNJONI EWROPEA



# Ħarsa ħafifa lejn l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hi opportunità biex tkun direttament involut fil-proċess demokratiku Ewropew, billi tippermettilek li jkollok sehem akbar fil-politiki tal-UE li jaffettwawlek ħajtek.

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hi unika. Hi l-ewwel għodda li tippermetti liċ-ċittadini minn diversi pajjiżi tal-UE li jingħaqdu flimkien u jipproponu tibdiliet legali konkreti dwar kawża komuni. Bħala ċittadin tal-UE, int tista' jew tingħaqad ma' grupp ta' organizzaturi biex tniedu inizjattiva, jew tagħti l-appoġġ tiegħek lil inizjattiva eżistenti.

Biex titnieda inizjattiva, meħtieġa **7 ċittadini tal-UE**, li jgħixu tal-anqas f'**7 Stati Membri differenti** li għandhom biżżejjed età li jistgħu jivvotaw. Meta inizjattiva tiġbor **miljun firma**, il-Kummissjoni tiddeċiedi x'azzjoni ta' segwitu għandha tieħu.

Inizjattiva taċ-ċittadini hi possibbli fi kwalunkwe qasam fejn il-Kummissjoni Ewropea għandha s-setgħa li tipproponi leġiżlazzjoni, bħall-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, l-agrikultura, is-sajd, l-enerġija, it-trasport u l-kummerċ.



# Is-setgħa li taġixxi dwar kwistjonijiet li jimpurtawk

Forsi għandek idea dwar kif tittratta sfida soċjali jew ambjentali li qed tolqot l-Ewropa, u tħoss li leħnek waħdu mhux b'saħħtu biżżejjed biex jinstama'? Dan hu fejn tista' tgħin l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tagħmilha possibbli għalik li tikkonnettja ma' kawżi li temmen fihom u tesprimi l-proposti tiegħek b'mod tassew konkret.

Bis-saħħa ta' din l-għodda, int tista' tinfluwenza l-aġenda Ewropea u tagħmel tibdiliet pożittivi dwar kwistjonijiet li jimpurtawk. L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tqawwilek leħnek u tagħtik is-setgħa li "tagħfas il-buttuna tat-tluq" għat-tfassil tal-politika tal-UE.



# Il-ħolqien ta' netwerks u t-trawwim ta' dibattitu

Bħala ċittadini Ewropej aħna naqsmu valuri komuni u, anki jekk ngħixu f'pajjiżi differenti, nafu nkunu ppassjonati dwar l-istess kwistjonijiet. Permezz tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, int tista' tingħaqad ma' persuni oħrajn mill-UE kollha biex tinġabru madwar kwistjoni li tinteressakom bi sħiħ, trawmu d-dibattitu madwarha u tinizjaw r-riformi.

Billi tagħmilha possibbli għall-ċittadini minn pajjiżi differenti sabiex jiskambjaw ideat u jiltaqgħu flimkien, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hi waħda mill-għodod ewlenin offruti mill-Unjoni Ewropea biex tinkuraġġixxi demokrazija aktar parteċipatorja.




# Tkellem direttament ma' dawk li jfasslu d-deċiżjonijiet

Permezz tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, in-nies fl-UE kollha jistgħu flimkien iwasslu l-preokkupazzjonijiet tagħhom lil dawk li jfasslu d-deċiżjonijiet.

Filwaqt li dejjem hu tajjeb li jiġu skambjati l-ideat, l-għan tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hu aktar konkret. L-għan aħħari hu li tiġi influwenzata l-politika u l-promozzjoni tat-tibdil. Meta jinġabru l-miljun firma, l-organizzaturi jippreżentaw id-domandi tagħhom direttament, l-ewwel lill-Kummissjoni Ewropea, imbagħad pubblikament fil-Parlament Ewropew, biex jiżguraw li l-messaġġ tagħhom hu mismugħ u diskuss b'mod wiesa' mar-rappreżentanti tagħhom u ma' partijiet interessati oħrajn.

L-immaniġġjar ta' inizjattiva joħloq netwerks, fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE, ta' nies li huma ppassjonati dwar l-istess kwistjoni. Dan, imbagħad, iservi biex jitqajjem għarfien u jitrawwem dibattitu, inkluż fil-midja, filwaqt li s-suġġett jitpoġġa b'mod sod fuq l-aġenda politika, anki f'każijiet li fihom l-inizjattiva ma tirriżultax f'leġiżlazzjoni tal-UE.

# Il-passi ewlenin tal-inizjattiva taċ-ċittadini

KA-02-19-868-MT-N

1. Il-preparazzjoni tal-inizjattiva u t-twaqqif ta' grupp ta' organizzaturi;
2. Ir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva mill-Kummissjoni bi traduzzjoni bla ħlas fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Fil-każ ta' proposti (parzjalment) lil hinn mill-poteri tal-Kummissjoni, ir-reviżjoni mill-organizzaturi u r-reġistrazzjoni parzjali huma possibbli wkoll;
3. Il-pubblikazzjoni tas-sit web tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej;
4. Il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, f'forma stampata u / jew online;
5. Il-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-awtoritajiet nazzjonali;
6. Is-sottomissjoni tal-inizjattiva lill-Kummissjoni Ewropea;
7. Il-laqgħa mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni;
8. Is-smigħ pubbliku u valutazzjoni tal-appoġġ politiku mill-Parlament Ewropew;
9. It-tweġiba uffiċjali mill-Kummissjoni Ewropea;
10. Is-segwitu mill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet proposti.

Għal aktar informazzjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, inkluża l-lista tal-inizjattivi bħalissa miftuħin għall-appoġġ, żur:

**europa.eu/citizens-initiative**

**#EUTakeTheInitiative**

© L-Unjoni Ewropea, 2019
L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2001, p. 39).

ISBN 978-92-76-12295-1 – DOI 10.2792/6134